

Brussell, 16 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11615/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0170 (NLE)**

LIMITE

**JUSTCIV 90
JAI 958
FREMP 238**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jsiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Il-Konferenza ta' The Hague tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti ġiet adottata mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fit-13 ta' Jannar 2000 (il-"Konvenzjoni ta' The Hague tal-2000"). Fil-31 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jsiru jew jibqgħu partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti¹.
2. Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(6) tiegħu. Għaldaqstant l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew hija meħtieġa.

¹ ST 10136/23

3. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Protezzjoni tal-Adulti u Kwistjonijiet Ġenerali) f'għadd ta' laqgħat matul l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026. Fid-dawl ta' dak l-eżami u l-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet, il-proposta ġiet emendata.
4. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni proposta u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden:
 - (a) jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jsiru partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konferenza ta' The Hague tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti (9902/26); u
 - (b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.